# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat

## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. Can.

## Rikors Nru.: 36/16CSH

## Oliver Robert Camilleri

## vs

## Spalla Construction Ltd (C41153)

## u

## Reuben Pace (I.D. 558474M)

## Illum 18 ta' Ottubru, 2017.

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat minn Oliver Robert Camilleri fid-19 ta' Frar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh il-bilanc fis-somma ta' hdax-il elf tliet mija wiehed u ghoxrin Ewro (€11,321) jew somma ohra verjuri, kif obbligati ai termini tal-ftehim datat 12 ta' Marzu 2009 ghal xoghol ta' appalt, bl-ahhar pagament isir fid-19 ta' Frar, 2014, liema bilanc ghalkemm interpellati ghall-hlas ghadu dovut.

Rat ir-risposta ta' Spalla Construction Ltd. (C 41153) u ta' Reuben Pace (K.I. Nru 055847M) ipprezentata fis-16 ta' Jannar, 2017 fejn esponew:

"1. *Illi in linea preliminari, it-talba tal-attur hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148 (a) u/jew tal-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent Reuben Pace ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghaldaqstant mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri;*

3. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jew min minnhom m'ghandhom ihallsu xejn lill-attur stante li x-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti, mhux skont l-istruzzjonijiet moghtija mill-istess esponenti jew min minnhom u l-istess xoghlijiet ma tlestewx fiz-zmien pattwit bejn il-partijiet;*

4. *Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat huwa ghal kollox ezagerat; u*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Fil-15 ta' Marzu, 2017 xehed **Reuben Pace** u ddikjara li jokkupa l-kariga ta' wiehed mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta Spalla Construction Limited. Qal illi qatt ma kellu relazzjoni personali mal-attur. Ikkonferma li effettivament l-attur kien ghamel xi xoghol ghas-socjeta' konvenuta fejn tqabbad jaghmel diversi xoghlijiet in konnessjoni ma' xoghol ta' elettriku u ta' *drains*. Dawn ix-xoghlijiet effettivament gew ezegwiti u s-socjeta' konvenuta anke ghamlet pagamenti lill-attur. L-ahhar pagament kien sar permezz ta' cekk datat 19 ta' Frar 2014, kopja esebita u mmarkata mill-Qorti bhala Dokument RP. Qal illi c-cekk in kwistjoni inghata lill-attur *post dated*, inghata qabel. Qal li jiftakar kienet inzammet laqgha bejnu,

bejn l-attur u l-avukati rispettivi taghhom sabiex jiftehmu dwar il-modalita’ tal-hlas li kellu jsir, pero’ zied jghid illi l-kuntratt li kien ippropona l-avukat difensur tal-attur ma kienx iffirmah hu peress illi s-Sur Camilleri wkoll kien xtara proprjeta’ minghandu li mbaghad kienet inbieghet. Din il-proprjeta’ kienet flat gewwa blokka flats. Spjega illi effettivament meta s-Sur Camilleri kien biegh il-proprjeta’ huwa ma kienx ghamel *transfer* sabiex id-dawl tal-komun jinqaleb u minhabba li ma kienx sar dan it-*transfer* u kien hemm nies ohrajn fil-blokka, inqala’ diversi dizgwit. Ix-xhud qal li hu kien informa lis-Sur Camilleri li kien lest li jiffirma l-kuntratt propost mill-avukat divensur tieghu una volta jinqaleb dan il-kont.

Mid-19 ta’ Frar 2014 sad-19 ta’ Frar 2016 ghalhekk hu m’ghamel l-ebda pagament iehor ghaliex il-kont dwar il-konsum tad-dawl u ilma kien ghadu ma nqalibx. Fil-fatt il-kont inqaleb is-sena l-ohra. Il-ftehim li kellhom kien li jkomplu jiddiskutu una volta jinqaleb dan il-kont. Nonostante dan is-Sur Camilleri kien sarraf dan ic-cekk. Esebixxa kopja tal-bank account biex juri li dan ic-cekk issarraf. Din giet immarkata bhala Dokument RP1. Qal li jekk jiftakar sew kellu jhallas lis-Sur Camilleri s-somma ta’ sitt elef Ewro (€6,000).

Fil-21 ta’ Gunju, 2017 xehed **Oliver Robert Camilleri**. u ddikjara li huwa jahdem bhala kuntrattur fid-dawl u ilma. Qal illi huwa xtaq jixtri post minghand is-socjeta’ konvenuta, ghamel konvenju fuq proprjeta’ gewwa l-Mosta u kienu ftehmu illi parti mill-prezz kellu jithallas permezz ta’ *barter* fis-sens li huwa jtih servizz ta’ dawl u ilma u l-parti rimanenti tkun permezz ta’ hlas *cash*. Iddikjara li filwaqt li s-servizz inghata, l-*cash* qatt ma thallas lilu nonostante li kien hemm diversi tentattivi sabiex jipprova jithallas ta’ dak dovut lilu, fejn fil-fatt anke kien talab li jithallas permezz ta’ *part payment monthly installments*. Effettivament kien ghamel pagament wiehed biss. Qal illi effettivament is-socjeta’ konvenuta kienet hallset is-somma ta’ elf Ewro (€1,000), ghalkemm ma ftakarx id-data, pero’ ipprometta li jipprezentaha fis-seduta li jmiss.

**Oliver Robert Camilleri** rega' xehed fit-28 ta' Gunju, 2017 u esebixxa kuntratt li l-Qorti mmarkat bhala Dokument A. Dan huwa kuntratt datat 19 ta' April 2010 quddiem in-nutar Malcolm Mangion liema kuntratt sar bejnu u Pace Property Development Limited. Esebixxa wkoll ftehim ta' appalt li sar fit-12 ta' Marzu 2009 li gie mmarkat bhala Dokument B bejn Spalla Construction Limited u bejnu personalment. Dan gie mmarkat bhala Dokument B. Mistoqsi ma' min ghamel in-negozjati meta ghamel il-kuntratt Dok. A esebit, qal li dejjem tratta ma' Reuben Pace. Qal ukoll li meta ghamel il-kuntratt Dok. B ma' Spalla Construction Limited, kien deher ghaliha Reuben Pace. Ghalhekk il-kuntratt B jitkellem dwar il-*finishings* li kellhom isiru fil-post li kien xtara minghand Pace Property Development Limited u ghalhekk il-proprjeta' effettivament kien xtraha minghand Pace Property Development Limited waqt li x-xoghol kellu jsir ghas-socjeta' Spalla Construction Limited.

Iddikjara li dan ix-xoghol kellu valur ta' €23,293 mil-liema somma l-ammont ta' €11,646.50 kellhom jithallsu permezz ta' xoghol minnu (skont l-iskeda ta' xoghol annessa ma' dan l-istess dokument B), nofs kellu jkun permezz ta' *cash* u ghar-rimanenti nofs permezz ta' kreditu fuq il-prezz surreferit u cioe' fl-ammont ta' €11,646.50.

Fejn hemm referenza ghall-proprjeta' fil-kuntratt esebit bhala Dok. B, spjega li dan qed ifisser ghal proprjeta' li kien xtara permezz ta' kuntratt Dok. A. Qal li ghad baqaghlu jiehu bilanc minghand il-konvenut fl-ammont ta' €11,321.70, pero' stqarr illi effettivament fil-mori ta' din il-pendenza kien sar pagament fl-ammont ta' elf Ewro (€1000). Dan il-pagament sar fid-19 ta' Frar 2014 permezz ta' cekk mahrug mill-BOV minn Reuben Pace personalment. Dan id-dokument qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala Dokument S. Ikkonferma li kienu waslu fi ftehim li effettivament il-konvenut kellu jaghmel pagamenti mensili pero' ma sar l-ebda pagament iehor.

Esebixxa dokument iehor li gie markat mill-Qorti bhala Dokument C u cioe' rendikont ta' dak li ghad baqaghlu bhala bilanc. Biex jispjega ruhu ahjar qal li effettivament l-elf Ewro (€1,000) li thallsu permezz ta' cekk li kopja tieghu hija esebita u mmarkata bhala Dokument S, effettivament sar qabel ma giet prezentata l-kawza odjerna. Ix-xoghlijiet li kellu jaghmel kellhom isiru fi proprjetajiet li jappartjenu kemm lil Spalla Construction Limited kif ukoll lil Pace Development Limited u dan ix-xoghol kollu sar minnu. Sostna li hu ma kienx marbut b'terminu meta kellu jaghmel dawn ix-xoghlijiet u sa fejn jaf hu ma kien hemm l-ebda *time frame* sa meta kellu jispicca x-xoghol, fl-ebda skrittura jew ftehim li kellhom bejniethom, lanqas ftehim verbali.

Zied jghid li skont il-kuntratt hu kellu jithallas sakemm jigi ffirmat il-kuntratt, pero' baqa' ma thallasx. Cio' nonostante certu xoghlijiet baqghu ghaddejin anke wara li gie ffirmat il-kuntratt. Ikkonferma li huwa minnu li kellu jaghmel xi xoghlijiet ta' elettriku fil-*common parts*. Dawna kienu fil-*common parts* tieghu stess u qal li effettivament kienu lesti.

Ix-xhud esebixxa dokument iehor li l-Qorti mmarkat bhala Dokument T u spjega li dan huwa certifikat ta' *registration* mahrug meta effettivament il-*lift* kien seta' jibda jintuza u dan huwa datat 12 ta' Dicembru 2012. Semma li kien hemm problema peress li Reuben Pace ma hallasx u ghalhekk il-*lift* dam ma gie nstallat. Izda l-kwistjoni tal-*lift* kienet kwistjoni differenti totalment. Ix-xoghlijiet tieghu kienu lesti u l-*lift* kellu jigi nstallat minn socjeta' differenti u hu ma kellux x'jaqsam. Cahad dak allegat li l-*lift* ma giex installat peress li hu ma kienx lesta x-xoghol.

Fit-28 ta' Gunju, 2017 rega' xehed **Reuben Pace** in subizzjoni u kkonferma illi l-attur kien xara l-proprjeta' tieghu minghand Pace Development Limited skont il-kuntratt esebit fl-atti, mmarkat bhala Dokument A. Pero' kkonferma li qabel ma sar il-kuntratt kienu

ftehmu b'mod verbali illi parti mill-prezz li kellu jhallas ta' dan l-appartament kien se jigi moghti lilu bhala servizz ta' appalt. Kien ghalhekk li sar kuntratt separat ma' Spalla Construction li huwa esebit fl-atti mmarkat bhala Dokument B. Mistoqsi jekk effettivament Pace Property Developments Limited kienetx firmatarja fuq il-kuntratt ta' appalt li sar bejn l-attur u Spalla Construction, wiegeb illi le din ma dehritx.

Ikkonferma li kien hallas is-somma ta' elf Ewro (€1000) mill-kont tieghu personali bhala parti mill-prezz. Mistoqsi ghaliex ma hallasx il-kumplament qal illi l-elf Ewro(€1,000) kien ghaddiha lill-attur una volta tissolva l-kwistjoni tal-meter tal-komun. Qal li in segwitu' s-Sur Camilleri kien biegh dan l-istess flat li xtara minghandu. Qal illi peress illi l-kont tad-dawl tal-komun kien fuqu personali, kien hemm bzonn li dan idur ghal fuq is-sidien godda, pero' minkejja li xtaq jaghmel *transfer* ta' dan il-meter minn fuqu ghal wiehed mis-sidien tal-blokka ta' appartamenti, s-sur Camilleri kien telaq minn hemm u ma kienx hemm ftehim fuq min ha jigi registrat dan il-meter. It-transfer ma setax isir ghax ma setax jintlahaq ftehim.

Kien ghalhekk li huwa wasal fi ftehim mieghu li una volta jsir dan it-*transfer,* huwa jaghmel pagament. Qal li llum il-gurnata dan it-*transfer* sar wara hafna giri u problemi, pero' ddikjara li ma jridx ihallas ghaliex il-kaz huwa preskritt. Il-bilanc mhuwiex l-ammont imsemmi mill-attur, izda sitt elef Ewro (€6,000) u hemm ukoll ammont ta' xoghlijiet li huma hziena u jridu jittrangaw.

Fit-13 ta' Settembru 2017, l-avukati difensuri ddikjaraw li ma kienx fadal aktar provi x'jitressqu dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet. Konsegwentement trattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet u talbu lil din il-Qorti taghti sentenza dwar l-istess.

Ikkunsidrat:

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma is-segwenti:-

1. Illi l-attur kien xtara' proprjeta minghand is-socjeta' Pace Property Development Limited u dan skond kuntratt ta' self u bejgh li sar nhar id-19 ta' April 2010 redatt min-Nutar Malcolm Mangion (Dok. A fol.43 sa 49).
2. Illi l-attur kien obbliga ruhu li jhallas lis-socjeta' Pace Property Development Limited billi jhallsu somma flus *'in cash'* u l-bilanc jithallas b'xoghol ta' appalt ghas-socjeta' Spalla Construction Limited skond ftehim datat 12 ta' Marzu 2009 esebit fl-atti bhala Dok. B a fol. 51.
3. Jidher li skond l-attur ix-xoghol ta' appalt konsistenti f'xi xoghol konness ma' installazjoni ta' dawl u ilma sar minnu pero' kien ghadu ma thallasx ghalih.
4. Illi l-attur interpella lis-socjeta' konvenuta diversi drabi sabiex jithallas pero' cio' nonostante baqa' ma thallasx u ghalhekk l-ammont fil-fehma tieghu ghadu pendent sa llum.
5. Min-naha taghha is-socjeta' konvenuta qed tghid li l-ammont huwa in linea preliminari preskritt, apparti eccezzjonijiet ohra li jolqtu l-mertu.
6. Waqt li l-konvenut Reuben Pace qed isotni li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma l-attur.

Illi ghalhekk din is-sentenza sejra tinghata limitatament fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet appena msemmija u cioe' dik jekk il-konvenut *de prorpio* hux il-legittimu kontradittur u fit-tieni lok jekk l-azzjoni odjerna hiex preskritta jew le.

**Legittimu kontradittur.**

Fl-ewwel lok ghalhekk din il-Qorti sejra titratta mal-eccezzjoni tal-konvenut Reuben Pace *de proprio* li huwa m'ghandux relazzjoni guridika mal-attur u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tilliberah mill-oservanza tal gudizzju.

Jinghad li b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu.

Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm *"di dare"* jew *"di fare"* jew *"di non fare"*. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun li jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li*

*jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur, illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".*

Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. Vs Michael Debono nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

"...il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992:

"*Illi hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-*

*iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;*

*Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;*

*Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203.*

*Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede.*"

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, mill-Qorti ta' l-Appell gie ritenut ukoll li:

"*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata.*

*Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (***John Vella noe v. Anthony Vella et,** *Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999).*"

U aktar tard ziedet li:

"*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju*

*pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju (***Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice,** *Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999*)."

Naturalment kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispeci partikolari tieghu biex wiehed jara jekk il-principji fuq esposti gewx applikati o meno.

Illi fil-kaz in desamina jidher li r-relazzjoni li ghandu l-attur hija wahda naxxenti minn zewg skritturi u cioe' l-kuntratt gie redatt minn Nutar Malcolm Mangion dwar il-bejgh tal-proprjeta' mertu tal-kawza li gie ffirmat mas-socjeta' Pace Developments Limited u l-iskrittura li saret dwar ix-xoghol ta' appalt mas-socjeta' konvenuta. Jidher li huwa minnu li fid-19 ta' Frar 2014 Reuben Pace hareg cekk fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000), pero' dan il-pagament minkejja li hareg mill-kont personali tieghu u tal-mara, sar skond il-ftehim li ntlahaq meta l-partijiet kienui ltaqghu flimkien mal-avukati difensuri taghhom sabiex jipprovaw jittransigu din il-pendenza. Ma jirrizultax li f'din il-laqgha l-partijiet kienu ftehmu li l-konvenut *de proprio* kien ser jassumi xi responsabilita' tad-dejn li talvolta setghet ghandha s-socjeta' konvenuta. Il-fatt li sar pagament mill-kont personali ta' Reuben Pace ma jbiddel xejn mir-relazzjoni gja ezistenti bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta skond il-ftehim milhuq minnhom.

Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur tal-konvenut Reuben Pace qed tigi milqugha.

**Preskrizzjoni.**

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe' dik tal-preskirzzjoni din il-Qorti ghandha is-segwenti xi tghid. Jinghad li l-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

L-**artikolu 2149 (a) tal-Kap 16** jiddisponi:

"*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:*

*L-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu."*

Fl-**Artikolu 2149 (a),** il-preskrizzjoni tirreferi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li aktar minn opra, jipprestaw xoghol - *opus* – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet.

Fil-fatt, l-**Artikolu 2149 (a)** mhux applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. (**Lawrence Formosa et vs Anthony Borg proprio et noe,** Appell 27 ta' Jannar 1997, u **Langdale Ltd. vs Jon David Ltd**. deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Novembru 2004).

Il-preskrizzjoni taht l-**Artikolu 2149 (a)** tolqot l-azzjonijiet ta' kuntratturi "ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu." Dwar din il-preskrizzjoni, il-Qorti tal-Appell f'sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 1957 **f'George Zammit vs Teresa Bonnici noe** qalet hekk:

"*Dik id-dispozizzjoni tal-ligi tikkontempla l-azzjonijiet……tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel jew*

*materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu. Din id-dispozizzjoni ma tikkontemplax il-kaz ta' fornituri ta'*

*materjal in genere, izda tal-fornituri li jsiru minn…..appaltaturi ta' xogholijiet, li flimkien mal-opra taghhom ikunu in konnessjoni mal-istess opera fornew ukoll il-materjali mehtiega……….."*

Ghaldaqstant, dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew." (Ara **A.M.C. Marketing Ltd. vs Pletz Holdings Ltd.** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-22 ta' Frar 2002).

Hekk gie ribadit ukoll fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Paul Formosa vs Salvu Debono** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001.

*"Gie ritenut minn dawn il-Qrati li dan is-subinciz [l-artikolu 2149(a)] ma japplikax fejn ikun hemm semplici fornitura ta' materjali imma kien jikkontempla biss dawk il-materjali suppliti mill-kuntratturi fuq xogholijiet meta dawn ikunu impjegati f'xogholijiet ta' kostruzzjoni minnhom esegwiti jew fl-istess utilizzati."*

F'dan l-istess kaz, saret referenza ghal kaz iehor deciz mill-Qorti tal-Kummerc, **Victor Camilleri vs Emanuele Abela et** deciza fil-31 ta' Mejju 1977 u ghall-kaz **Maria Camilleri vs John Licari**, Appell deciz fis-16 ta' Ottubru 1972, Vol. XLI.i.347.

"*……ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu irid jissussisti l-element ta' "opus" da parti tal-kuntrattur fil-konfront tal-eccipjent altrimenti l-kontrattazzjoni tkun wahda ta' bejgh ordinarju u ma jinqabadx mill-imsemmi artikolu.*"

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Il-preskrizzjoni wkoll, dik tax-xorta li titfi l-process, hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

Ghalhekk hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici ghandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka, l-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Il-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan miz-zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq. (Ara **Guido Vella vs Emanuel Cefai**, Appell Civili tal-5 ta' Ottubru 2001, u **Victor Portelli vs Mark Psaila**, deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003).

Ara wkoll f'dan ir-rigward il-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 1987 mill-Onor. Qorti tal-Kummerc, Onor. Imhallef Dr. J. D. Camilleri fl-ismjiet **Edgar Causon noe vs Abdelsalam Sheibani**, u **Camilleri vs Frendo** (Kollezz. Vol XII pg. 144) u **Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1958.

L-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta qed isostni li l-azzjoni hija preskritta u li ghalhekk is-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attur, pero' fl-istess nifs Reuben Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta waqt li kien fil-pedana tax-xhieda nhar it-28 ta' Gunju 2017 jghid *ex admisses* li " *jien wasalt fi ftehim mieghu* (jigifieri mal-attur) *una volta li jsir it-transfer, jien naghmel il-pagament." Jghid ukoll li "illum il-gurnata ma rridx inhallas ghaliex il-kaz huwa preskritt"* u fl-istess nifs jghid li l-bilanc mhuwiex l-ammont

imsemmi mill-attur "*Jekk minix sejjer zball il-bilanc huwa ta' sitt elef Ewro u hemm ukoll ammont ta' xoghlijiet li huma hziena u jridu jitrangaw.*"

Dan kollu isib konferma fil-principju guridiku diversi drabi enuncjat mill-Qrati nostrana li huwa pacifikament notorju li jezistu cirkostanzi li manifestament jiddimostraw illi l-preskrizzjoni eccepita hija inkompatibbli meta jirrizultaw certi attijiet ohra.

B'ezempju jistghu jissemmew il-kaz tar-rikonoxximent tad-dejn jew fejn id-debitur ma jichadx id-dejn (Kollez Vol XL XLVIII pIII p1440; **Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe**, Appell, 5 ta' Ottubru 1998), il-pagament akkont (Kollez Vol XXIX pI p755), il-prova ta' l-ammissjoni tad-dejn (**Silvio Frendo vs Andrew Faenza**, Appell, Sede Inferjuri, 2 ta Gunju 2000) u l-kompensazzjoni (Kollez. Vol XXX pI p964). Dawn l-ezemplari kollha jirrijentraw fil-kwadru guridiku ahjar konoxxut bhala rinunzja ghall-preskrizzjoni.

Sostniet ukoll li kif inghad mill-Qorti Taljana tal-Cassazzione

"*l'eccezione di rinuncia alle prescrizione non integra una eccezzione in senso proprio, e pertanto puo` essere presa in esame dal giudice anche "ex officio", senza bisogno di un' apposita iniziativa della parte interessata, purche` i fatti sui quali l'eccezione si fonda, anche se non allegati dalle parti, siano stati ritualmente acquisiti al processo.*"

Izda jinghad li rinunzja ghandha dejjem tkun cara, esplicita u inkondizzjonata. Ara f'dan is-sens Appell Civili Superjuri tal-15 ta' Jannar, 2001, **Agostino Azzopardi and Sons Limited vs Randolph Schembri*;*** Appell Civili Inferjuri tat-2 ta' Gunju, 2000 **Silvio Frendo et vs Andrew Faenza** (LXXXIV-II-I); **Sant Cassia vs Anne**

**Deguara** Appell Inferjuri, tal-1 ta' Marzu, 1982; **Henry Thake vs C. Borg**, Appell Inferjuri tal-25 ta' Novembru, 1986; Prim'Awla tat- 13 ta' Jannar, 1995, **Bugeja vs Bugeja**; Prim'Awla tat-3 ta' Ottubru, 2001, **Grima vs German u** Appell Inferjuri Civili tad-29 ta' Novembru, 2007, **Cutrico Services Limited vs Darwin International Limited.**

Jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet **Mario Galea vs John Attard et** (P.A. (PS) – 26 ta' Mejju 2004) gie affermat ukoll illi jekk debitur jirrikonoxxi d-dejn, dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja tal-preskrizzjoni, u dan ir-rikonoxximent jista' jkun prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita' kollha dovuta, u jista' wkoll jirrigwarda kreditu likwidu" (Kollez. Vol. XLII.ii.744).

Illi hawn issir referenza ghas-sentenza **Baldassare Bugeja vs George Cassar et pro. et nomine** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2007) fejn f'dik is-sentenza inghad li b'dan l-agir tieghu il-konvenut irrinunzja ghall-preskrizzjoni skont kif indikat fis-sentenza **Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma vs Joseph Quattromani** (A.I.C. (PS) – 19 ta' April 2004) u dan ghaliex l-atti maghmula minnu f'dak il-kaz kienu nkompatibbli ma' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut personalment u hawn saret referenza ghas-sentenzi **Eucharistic Gauci vs Jesmond Borg** (A.I.C. (PS) – 14 ta' Lulju 2004), **Austin Psaila vs Lothar Slabick** (A.I.C. (PS) – 9 ta' Frar 2005), u partikolarment ghal dak ritenut fis-sentenza **Domenic Dep. Stores (DDS) Ltd vs Malta Dairy Products** (A.C. (VDG) – 30 ta' Mejju 2003 - Citaz.Numru 150/1988), fejn inghad li kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Cannee nomine** (A.C. – 30 ta' Mejju 1952 u b'riferenza ghall dak li hemm indikat fl-artikolu 2133 tal- Kap 16 li:-

"*Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta' li jigi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b'fatti li*

*fihom infushom immedjetament juru l-volonta'; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta' tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Il-kwistjoni tacita hi kwistjoni tal-volonta' prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt".*

Illi in vista ta' dak kollu li gie espost aktar 'il fuq il-Qorti hija tal-fehma li b'dak li qal Reuben Pace ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u cioe' li fl-ewwel lok ma hallasx ghaliex ma kienx sar it-transfer tal-*main* tad-dawl u tal-ilma, imbaghad jghid li l-ammont mhux kollu dovut izda biss is-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000) imbaghad li x-xoghol li sar ma sarx skond is-sengha u l-arti, huma kollha indizzji li in effetti l-azzjoni mhix preskritta.

**Ghaldaqstant din l-ecezzjoni qieghda tigi michuda u l-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tas-socjeta' konvenuta stante li permezz ta' din l-istess sentenza in parte qieghda tillibera lill-konvenut *de proprio* mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjez in konnessjoni ma l-eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur jithallsu mill-attur filwaqt li l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-eccezjoni tal-preskrizzjoni jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**